



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

15297/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0437(COD)

TRANS 773
COVID-19 420
CODEC 1697

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Diċembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 832 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2020/1429 fir-rigward tad-durata tal-perjodu ta' referenza għall-applikazzjoni ta' miżuri temporanji dwar l-impożizzjoni ta' imposti għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 832 final.

Mehmuż: COM(2021) 832 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.12.2021
COM(2021) 832 final

2021/0437 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2020/1429 fir-rigward tad-durata tal-perjodu ta' referenza għall-applikazzjoni ta' miżuri temporanji dwar l-impożizzjoni ta' imposti għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Is-settur ferrovjarju huwa ta' importanza strateġika għall-Unjoni Ewropea. Il-kontribut tiegħu huwa vitali għall-ekonomija ġenerali tal-UE u għall-impjiegi, minħabba li jimpjega direttament aktar minn 900 000 persuna: madwar 500 000 minnhom minn impriżi ferrovjarji u madwar 400 000 minn manijers tal-infrastruttura (sa tmiem l-2018)¹.

It-trasport ferrovjarju huwa kritiku għall-istrateġija tal-UE għal settur tat-trasport aktar sostenibbli, għall-koeżjoni ekonomika u soċjali u għall-konnettività tal-Ewropej fi ħdan u bejn l-Istati Membri. Il-ferroviji huma kontributuri importanti għat-taħlita ta' trasport tal-UE, u jipprovdu mobbiltà nadifa u livell għoli ta' effiċjenza. Għalhekk, it-trasport ferrovjarju huwa kruċjali biex jintlaħqu l-oġettivi tal-ftehim ekoloġiku minħabba l-valur tiegħu bħala l-mezz ta' trasport l-aktar sostenibbli u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent.

Fl-2018, il-linji ferrovjarji Ewropej ittrasportaw madwar 1,6 biljun tunnellata ta' merkanzija u 7,1 biljun passiġġier. Fl-istess sena, il-volumi tat-traffiku tal-passiġġieri tal-UE laħqu l-400 biljun kilometru ta' passiġġieri minn madwar 5 triljun kilometru ta' passiġġieri tat-trasport kollu fuq l-art. It-traffiku tal-passiġġieri bil-ferrovija huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu domestiku, b'7 % biss jaqsmu l-fruntieri fl-2018².

Sal-2018³, il-volumi tat-traffiku tal-merkanzija tal-UE laħqu l-435 biljun kilometru-tunnellata mit-2,3 triljuni tat-trasport kollu fuq l-art. Madwar nofs it-trasport totali tal-merkanzija bil-ferrovija huwa transfruntier. Dan jagħti lit-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija dimensjoni Ewropea b'saħħitha.

Mill-bidu tal-2020, it-tifqigħa tal-COVID-19 kellha impatt kbir fuq it-trasport bil-ferrovija fl-Unjoni. It-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija bil-ferrovija naqas minħabba l-limitazzjonijiet fuq il-mobbiltà u t-tnaqqis konsegwenti fid-domanda għat-trasport. Matul l-ewwel perjodu tal-pandemija, fir-rebbiegħa tal-2020, l-operaturi ferrovjarji waqqfu l-biċċa l-kbira tal-ferroviji internazzjonali tal-passiġġieri. L-għadd ta' passiġġieri fit-trasport ferrovjarju domestiku naqas matul l-ewwel mewġa tal-pandemija b'sa 90 % meta mqabbel mas-sena preċedenti. Ftit operaturi, b'mod partikolari dawk ġodda, kellhom iwaqqfu l-operazzjonijiet, filwaqt li l-operaturi tal-merkanzija bil-ferrovija rrapportaw tnaqqis qawwi fil-volumi ttrasportati, minħabba li ħafna industrij i naqqsu jew saħansitra waqqfu l-produzzjoni tagħhom minħabba l-impatt tal-pandemija. Matul is-sajf tal-2020, id-domanda u l-volumi tat-trasport baqgħu f'livelli baxxi, kemm fir-rigward tat-trasport tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija.

¹ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja s-Seba' rapport dwar il-monitoraġġ tal-iżvilupp tas-suq ferrovjarju skont l-Artikolu 15(4) tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, COM(2021) 5 final

² idem

³ idem

It-tieni mewġa tal-pandemija fil-ħarifa tal-2020 obligat lil ħafna pajjiżi jieħdu aktar miżuri restrittivi fir-rigward tal-mobbiltà taċ-ċittadini. It-tifqigħa tat-tielet mewġa tal-pandemija xekklet l-irkupru rapidu tat-traffiku ferrovjarju, b'mod partikolari għas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri. F'Ottubru u f'Novembru 2020, l-Istati Membri imponew limitazzjonijiet ġodda fuq il-mobbiltà, parzjalment biss u li tneħħew gradwalment matul l-2021. In-numri tal-passiġġieri għadhom ma ġewx lura għal-livelli ta' qabel il-pandemija u ż-żmien biex jirkupraw għal-livelli ta' qabel il-pandemija jista' jkun itwal milli mistenni b'mod partikolari għat-traffiku kummerċjali tal-passiġġieri. Għalhekk, l-impatt tal-pandemija fuq is-settur tat-trasport għadu sinifikanti. Il-feġġa tal-varjant il-ġdid tal-COVID-19 li jittieħed ħafna Omicron fil-ħarifa tal-2021, b'karatteristiċi li għadhom mhux magħrufa meta mqabbla mal-varjanti preċedenti, qiegħda tqajjem tħassib dwar ir-raba' mewġa tal-pandemija u miżuri ta' trażżin aktar stretti.

Fis-7 ta' Ottubru 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2020/1429 li jistabbilixxi miżuri għal suq ferrovjarju sostenibbli fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19⁴. L-għan tar-Regolament kien li jippermetti lill-partijiet ikkonċernati ferrovjarji jlaħħqu aħjar mal-konsegwenzi finanzjarji tal-pandemija tal-COVID-19 u li jwieġbu għall-ħtieġa urġenti ta' likwidità tagħhom, permezz tat-tnaqqis, ir-rinunzja jew id-differiment tal-imposti għall-pakkett minimu ta' aċċess u għall-aċċess għall-infrastruttura li tgħaqqad il-faċilitajiet tas-servizz.

Dawn il-miżuri ta' eżenzjoni applikaw għal imposti dovuti matul il-perjodu ta' referenza stipulat fl-Artikolu 1 tar-Regolament, li huwa mill-1 ta' Marzu 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020 ("perjodu ta' referenza"). Il-kamp ta' applikazzjoni kien limitat f'dak il-perjodu ta' żmien biex jiġi żgurat li l-miżuri japplikaw biss sakemm ikun meħtieġ.

L-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2020/1429 ta s-setgħa lill-Kummissjoni, abbażi ta' *data* pprovduta mill-maniġers tal-infrastruttura li turi tnaqqis persistenti fit-traffiku ferrovjarju li jidher li huwa marbut mat-tifqigħa tal-COVID-19, biex testendi l-perjodu ta' referenza sa sitt xhur permezz ta' atti delegati. Il-perjodu ta' referenza jista' jiġi estiż sal-14 ta' April 2022.

Il-Kummissjoni eżerċitat dik id-delega tas-setgħa darbtejn⁵ u estendiet il-perjodu ta' referenza sal-31 ta' Diċembru 2021. Is-setgħa li tadotta atti delegati biex jiġi estiż il-perjodu ta' referenza nġatat lill-Kummissjoni għal perjodu ta' sena mit-13 ta' Ottubru 2020 u issa skadiet.

Fuq il-bażi tad-*data* pprovduta lill-Kummissjoni mill-maniġers tal-infrastruttura ferrovjarja tal-Unjoni li tkopri l-perjodu sa Settembru 2021, il-pandemija laqtet aktar ħażin lit-taqsima tas-servizz tal-passiġġieri u, b'mod partikolari t-taqsima tas-servizz tal-passiġġieri kummerċjali, bi tnaqqis sinifikanti fl-offerta tagħha madwar l-Istati Membri kollha, li għadu

⁴ *ĠU L 333, 12.10.2020, p. 1-5.*

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2180 tat-18 ta' Diċembru 2020 li jestendi l-perjodu ta' referenza tar-Regolament (UE) 2020/1429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għal suq ferrovjarju sostenibbli fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 (*ĠU L 433, 22.12.2020, p. 37*); u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1061 tat-28 ta' Ġunju 2021 li jestendi l-perjodu ta' referenza tar-Regolament (UE) 2020/1429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għal suq ferrovjarju sostenibbli fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 (*ĠU L 229, 29.6.2021, p. 1*).

ma ġiex lura għal-livelli tal-2019. In-numru ta' ferroviji tal-passiġġieri b'obbligu ta' servizz pubbliku ("OSP") li jiċċirkolaw fin-network bejn Jannar u Settembru 2021 huwa komparabbli ma' dak li jirreferi għall-istess perjodu fl-2019, filwaqt li fl-2020 kien 7,8 % inqas meta mqabbel mal-2019. Madankollu, in-numru ta' ferroviji kummerċjali tal-passiġġieri bejn Jannar u Settembru 2021 kien għadu 21,5 % inqas milli fl-istess perjodu fl-2019, u dan juri li ma kien hemm l-ebda rkupru meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2020, meta kien 23,3 % inqas meta mqabbel mal-2019. In-numru ta' ferroviji tal-merkanzija li jiċċirkolaw fin-network kien għadu 2,5 % inqas milli fil-perjodu korrispondenti fl-2019. Xejriet simili jistgħu jiġu osservati meta t-traffiku jiġi espress f'km tal-ferrovija. Bejn Jannar u Settembru 2021, is-servizzi tal-OSP tal-passiġġieri espressi f'km tal-ferrovija kienu 5,2 % inqas meta mqabbla mal-istess perjodu fl-2019. Is-servizzi kummerċjali tal-passiġġieri espressi f'km tal-ferrovija baqgħu 25,6 % inqas fl-2021 meta mqabbla mal-istess perjodu fl-2019, f'konformità mal-livell (baxx) diġà milħuq fl-2020. Il-km tal-ferrovija operati minn ferroviji tal-merkanzija li jiċċirkolaw fuq in-network urew xi sinjal ta' rkupru, iżda baqgħu 2,6 % inqas bejn Jannar u Settembru 2021 meta mqabbla mal-istess perjodu fl-2019. Minn dan isegwi li t-tnaqqis fil-livell tat-traffiku ferrovjarju li jirriżulta mill-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 għadu jippersisti.

Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2020/1429, sabiex il-perjodu ta' referenza jiġi mtawwal ulterjorment.

Minħabba li l-pandemija għadha ma spiċċatx u jippersisti ċertu livell ta' imprevedibbiltà tal-iżviluppi futuri, huwa meħtieġ ukoll li l-Kummissjoni tiġi delegata s-setgħa li testendi ulterjorment, kull darba b'massimu ta' sitt xhur, il-perjodu ta' hawn fuq, b'kontinwità mal-qafas legali eżistenti.

Għalhekk qiegħed jiġi propost li l-perjodu ta' referenza jiġi estiż sat-30 ta' Ġunju 2022, u li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex testendi ulterjorment dan il-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2023. Huwa propost ukoll li d-delega tas-setgħa jeħtieġ li tintemm fl-istess data, jiġifieri, il-31 ta' Diċembru 2023. Id-dispożizzjonijiet l-oħrajn kollha tar-Regolament attwali jenħtieġ li jibqgħu l-istess.

Minħabba l-evoluzzjoni mhux prevedibbli tat-tifqigħa tal-COVID-19 u b'mod partikolari l-ħolqien f'daqqa ta' varjanti ġodda ta' tħassib, kien impossibbli li jiġu adottati miżuri rilevanti fil-ħin. Ir-Regolament (UE) 2020/1429 jirrikjedi li l-Kummissjoni tibbaża d-deċiżjoni fuq estensjoni possibbli tal-perjodu ta' referenza fuq *data* li l-maniġers tal-infrastruttura kellhom jipprovdu ladarba jkun għadda nofs it-titwil tal-perjodu ta' referenza. Il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tadotta estensjoni ulterjuri tal-perjodu ta' referenza qabel l-iskadenza tas-setgħat delegati, peress li d-*data* meħtieġa kienet għadha ma kinitx disponibbli f'dak il-punt.

Sabiex jiġu evitati lakuni fl-applikazzjoni tal-miżuri wara l-31 ta' Diċembru 2021 (it-tmiem tal-perjodu ta' referenza attwali), dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri wkoll il-perjodu qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu. Minħabba n-natura tal-miżuri previsti minn dan ir-Regolament, applikazzjoni retroattiva ma tirriżultax fi ksur tal-aspettattivi leġittimi tal-persuni kkonċernati.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta attwali għandha l-għan li tiżgura l-estensjoni u l-kontinwità tal-miżuri straordinarji attwali li ġew stabbiliti biex itaffu l-effetti tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq it-trasport ferrovjarju u jżommu l-integrità taż-żona Ferrovjarja Unika Ewropea. Dawk il-miżuri jikkomplementaw u jqisu l-qafas legali stabbilit skont id-Direttiva 2012/34/UE.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-funzjonament effettiv taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea jiddependi fuq il-prestazzjoni ekonomika tal-atturi fis-suq u fuq is-salvagwardja tal-kisbiet li diġà saru fir-rigward tal-indipendenza tal-ġestjoni tal-manigġers tal-infrastruttura u tal-impriżi ferrovjarji, it-trasparenza tad-dispożizzjonijiet dwar l-imposti u l-aċċess għan-network, in-nondiskriminazzjoni u t-trattament ugwali fl-allokkazzjoni tal-mogħdijiet ferrovjarji u l-iskemi tal-imposti kif ukoll il-ftuħ tas-suq. Il-konsegwenzi ekonomiċi negattivi tat-tifqigħa tal-COVID-19 għall-partijiet ikkonċernati tas-suq ferrovjarju jistgħu jipperikolaw il-vijabbiltà finanzjarja tagħhom u possibbilment ikollhom effetti negattivi serji fuq il-funzjonament tas-sistema tat-trasport, li jaffettwaw b'mod negattiv l-ekonomija kollha kemm hi. Id-data dwar il-volumi miġbura mill-manigġers tal-infrastruttura tal-UE li tkopri minn Marzu 2020 sa Settembru 2021 turi b'mod ċar li l-impatt tal-pandemija fuq it-traffiku ferrovjarju għadu ma ġiex solvut u li l-irkupru kien fraġli. Għalhekk, ir-Regolament emendatorju propost għandu l-għan li jkompli jindirizza l-effetti persistenti fuq is-settur. Dan ikun ukoll konformi mal-estensjoni tal-validità ta' miżuri oħra li jgħinu lill-Istati Membri u lin-negozji u liċ-ċittadini tal-UE jittrattaw l-impatt negattiv tal-pandemija. Fit-18 ta' Novembru 2021, pereżempju, il-Kummissjoni estendiet il-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajjnuna mill-Istat⁶ sat-30 ta' Ġunju 2022, li jippermetti lill-Istati Membri, fejn meħtieġ, biex ikomplu bl-iskemi ta' appoġġ tagħhom u jiżguraw li n-negozji li għadhom milquta mill-kriżi ma jitwaqqfux f'daqqa mill-appoġġ finanzjarju meħtieġ.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Din l-inizjattiva hija bbażata fuq l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li huwa ukoll il-bażi ġuridika tar-Regolament (UE) 2020/1429.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-objettivi tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri għar-raġuni li ġejja: L-imposti għall-aċċess għall-binarji huma regolati b'mod komprensiv fil-livell tal-UE u għalhekk l-Istati Membri ma jistgħux jiddevjaw mir-regoli tal-Unjoni sakemm ma jkunx hemm leġislazzjoni Ewropea speċifika. Id-Direttiva 2012/34/UE ma

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Is-Sitt Emenda fil-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajjnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19 u emenda fl-Anness tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni għal żmien qasir (2021/C 473/01) (ĠU C 473, 24.11.2021, p. 1–15)

tippermettix lill-Istati Membri, fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19, li jirreaġixxu għall-impatti mhux prevedibbli fuq it-trasport ferrovjarju b'mod partikolari billi jadattaw ir-regoli dwar l-imposti u l-allokazzjoni tal-kapaċità. Dan kien permess biss b'mod eċċezzjonali, f'ċerti limiti, mir-Regolament (UE) 2020/1429. Barra minn hekk, skont it-termini ta' dak ir-Regolament, jibqa' f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jimplimentawx il-miżuri previsti, filwaqt li jitqiesu wkoll il-mezzi għad-dispożizzjoni tagħhom f'termini ta' finanzjament pubbliku. Għalhekk, l-estensjoni proposta tal-applikazzjoni tal-miżuri previsti fir-Regolament (UE) 2020/1429 hija konformi mal-prinċipju tas-Sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-oġettiv li jittaffa l-impatt tat-tifqigħa attwali tal-COVID-19 billi jiġu estiżi għal żmien limitat id-derogi mmirati permessi mid-Direttiva 2012/34/UE skont ir-Regolament (UE) 2020/1429. Il-miżura proposta hija għalhekk proporzjonata. L-estensjoni tal-perjodu ta' referenza hija konsistenti mal-estensjonijiet preċedenti u tirrifletti l-konklużjonijiet li jistgħu jittieħdu mid-*data* attwalment disponibbli. Qiegħed jiġi propost ukoll li jiġi estiż l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex ittawwal il-perjodu ta' referenza biex tqis l-iżviluppi futuri tal-pandemija.

- **Għażla tal-istrument**

Peress li din hija proposta għall-emendar ta' Regolament eżistenti, jenħtieġ li jintuża l-istess strument.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Din hija miżura urġenti li ġiet ikkawżata min-natura imprevedibbli tal-pandemija tal-COVID-19.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, ma twettqitx konsultazzjoni formali mal-partijiet ikkonċernati. Madankollu, kemm l-awtoritajiet tal-Istati Membri kif ukoll il-partijiet ikkonċernati talbu lill-Kummissjoni biex ittawwal ir-Regolament (UE) 2020/1429.

B'mod partikolari, l-assoċjazzjonijiet tas-settur ferrovjarju li jirrappreżentaw l-impriżi ferrovjarji ripetutament avviċinaw lill-Kummissjoni u talbu għal kontinwazzjoni tal-miżuri. Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-maniġers tal-infrastruttura diġà għandhom fis-seħħ miżuri bħal dawn.

Minħabba n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet ta' emerġenza xierqa fid-Direttiva 2012/34/UE u l-effetti persistenti tal-pandemija fuq is-settur ferrovjarju, hemm bżonn li tiġi estiża l-applikazzjoni possibbli tal-miżuri attwali.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Kif spjegat, minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, il-ġbir ta' għarfien espert bil-livell ta' dettall tas-soltu ma kienx possibbli. Madankollu, il-Kummissjoni bbażat fuq l-esperjenza

miksuba permezz tal-kuntatti tagħha mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati ferrovjarji u fuq il-monitoraġġ kostanti tal-volumi tat-traffiku ferrovjarju permezz tal-kontribut ipprovdut mill-manigġers tal-infrastruttura matul l-aħħar sentejn.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, ma twettqitx valutazzjoni tal-impatt.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhux applikabbli.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-miżura ma tinkludi l-ebda arranġament speċifiku dwar il-monitoraġġ jew dwar ir-rapportar. Madankollu, il-Kummissjoni jenħtieġ li ssegwi l-iżvilupp tat-tifqigħa tal-COVID-19 u l-impatt tagħha fuq iż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea u jekk ikun meħtieġ jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta att delegat biex testendi l-perjodi ta' żmien ikkonċernati minn din il-miżura.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

L-ebda.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 tar-Regolament propost jemenda l-Artikoli 1, 5(2) u 6(2) tar-Regolament (UE) 2020/1429, li jestendi l-perjodu ta' referenza, l-estensjoni ulterjuri massima tiegħu, u t-tul ta' żmien tal-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

L-Artikolu 2 jipprevedi l-applikazzjoni tar-Regolament propost mill-1 ta' Jannar 2022.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2020/1429 fir-rigward tad-durata tal-perjodu ta' referenza għall-applikazzjoni ta' miżuri temporanji dwar l-impożizzjoni ta' imposti għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li taġixxi skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

Billi:

- (1) Il-pandemija tal-COVID-19 wasslet għal tnaqqis qawwi fit-traffiku ferrovjarju, minħabba tnaqqis sinifikanti fid-domanda. Dan kellu impatt serju fuq l-impriżi ferrovjarji.
- (2) Dawk iċ-ċirkostanzi huma lil hinn mill-kontroll tal-impriżi ferrovjarji, li kontinwament kellhom jiffaċċjaw problemi konsiderevoli ta' likwidità, telf kbir u f'xi każijiet, qed jirriskjaw l-insolvenza.
- (3) Sabiex ikunu jistgħu jiġġieldu l-effetti ekonomiċi negattivi tal-pandemija tal-COVID-19 u jappoġġaw lill-impriżi ferrovjarji, ir-Regolament (UE) 2020/1429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ ippermetta lill-Istati Membri jawtorizzaw lill-manigġers tal-infrastruttura biex inaqqsu, jirrinunzjaw jew jiddifferixxu l-imposti għall-aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja. Dik il-possibbiltà ngħatat għal perjodu ta' referenza mill-1 ta' Marzu 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020 u għet estiża ulterjorment mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1061⁴ sal-31 ta' Diċembru 2021. Il-Kummissjoni ma għadhiex tingħata s-setgħa li testendi aktar dak il-perjodu ta' referenza.

¹ Opinjoni ta' [għandha tiġi aġġornata fil-verżjoni finali mill-PE u mill-Kunsill].

² Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' [għandha tiġi aġġornata fil-verżjoni finali mill-PE u mill-Kunsill] u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' [għandha tiġi aġġornata fil-verżjoni finali mill-PE u mill-Kunsill].

³ Ir-Regolament (UE) 2020/1429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2020 li jistabbilixxi miżuri għal suq ferrovjarju sostenibbli fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 333, 12.10.2020, p. 1).

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1061 tat-28 ta' Ġunju 2021 li jestendi l-perjodu ta' referenza tar-Regolament (UE) 2020/1429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għal suq ferrovjarju sostenibbli fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 229, 29.6.2021, p. 1).

- (4) Il-pandemija tal-COVID-19 qiegħda tissokta u l-ħolqien ta' varjanti li jistgħu jittieħdu u li huma imprevedibbli, bħall-varjant tal-COVID-19 tal-Omicron, joħloq inċertezza dwar il-futur u dwar ir-riskji ta' miżuri restrittivi ġodda.
- (5) L-impatt negattiv tal-pandemija tal-COVID-19 fuq it-traffiku ferrovjarju għadu jippersisti u huwa possibbli li l-impriża ferrovjarja tkompli tiġi affettwata, skont l-evoluzzjoni futura tal-pandemija. Fi sforz biex iwieġeb għall-ħtiġijiet urġenti tas-settur, il-perjodu ta' referenza tar-Regolament (UE) 2020/1429 jenħtieġ li jiġi estiż sat-30 ta' Ġunju 2022.
- (6) L-evoluzzjoni mhux prevedibbli tat-tifqigħa tal-COVID-19, il-ħolqien f'daqqa ta' varjanti ġodda u l-ħtieġa li jiġi vvalutat l-impatt tagħhom fuq is-settur ferrovjarju jeħtieġu rispons regolatorju rapidu u flessibbli. Sabiex jiġi evitat distakk fir-rispons għas-sitwazzjoni attwali, huwa xieraq li tiġi żgurata l-kontinwità fl-applikazzjoni tal-miżuri wara l-31 ta' Diċembru 2021. Minħabba n-natura tal-miżuri previsti minn dan ir-Regolament, l-applikazzjoni retroattiva ta' din l-estensjoni tal-perjodu ta' referenza ma hijiex se tirriżulta fi ksur tal-aspettattivi leġittimi tal-persuni kkonċernati.
- (7) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza kontinwament l-impatt ekonomiku tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq is-settur ferrovjarju u, jekk jippersistu l-kundizzjonijiet ħżiena, jenħtieġ li l-Unjoni tkun f'pożizzjoni li testendi, mingħajr dewmien żejjed, il-perjodu tal-applikazzjoni tal-miżuri previsti minn dan ir-Regolament. Id-delega tas-setgħat mogħtija skont ir-Regolament (UE) 2020/1429 jenħtieġ li tiġi estiża, taħt l-istess termini, sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (8) Minħabba li l-oġettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jestendi l-applikazzjoni tar-regoli temporanji dwar l-impożizzjoni ta' imposti għall-użu ta' infrastruttura ferrovjarja stabbiliti fir-rispons għas-sitwazzjoni urġenti maħluqa milt-tifqigħa tal-COVID-19, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-oġettiv.
- (9) Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2020/1429 jenħtieġ li jiġi emendat kif meħtieġ.
- (10) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni immedjata tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, bħala kwistjoni ta' urġenza jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) 2020/1429

Ir-Regolament (UE) 2020/1429 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:
 “Dan japplika għall-użu tal-infrastrutturi ferrovjarji għal servizzi ferrovjarji domestiċi u internazzjonali koperti minn dik id-Direttiva, matul il-perjodu mill-1 ta' Marzu 2020 sat-30 ta' Ġunju 2022 (“il-perjodu ta' referenza”).”
- (2) fl-Artikolu 5(2), it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“Kwalunkwe emenda bħal din tista’ testendi l-perjodu ta’ referenza b’mhux aktar minn sitt xhur biss, u l-perjodu ta’ referenza ma jistax jiġi estiż lil hinn mill-31 ta’ Diċembru 2023.”

(3) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati msemija fl-Artikolu 5(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta’ Diċembru 2023.”

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President